# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju 2002

## Avviz numru : 35/2001GT(GM)

**Network Publications Ltd.**

**vs**

**Ignatius Attard**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :**

**"Ammont dovut wara adverts f' "The Circle".**

**Ra r-risposta:**

**"Il-konvenut qieghed jirrifjuta li jhallas l-ammont mitlub ghaliex ir-reklamar ma sarx skond il-ftehim bejn il-partijiet.**

**Illi dan kien anki accettat mis-socjeta' attrici li ppromettiet li ser tirrepeti l-publikazzjoni tar-reklam fit-termini tal-ftehim u titlob biss il-hlas ghall-ewwel wiehed.**

**Dan it-tieni reklam baqa' ma sarx u ghalhekk il-konvenut huwa intitolat li ma jhallasx."**

**Sema' x-xhieda u qara d-dokumenti esibiti**

**Ha konjizzjoni tat-talba tal-partijiet li t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif ivverbalizzat minn Dr Carmelo Galea fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2002;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' LM149.50c filwaqt li jordna lis-socjeta' attrici terga' tippubblika r-reklam imsemmi fl-avviz f'harga ohra tal-pubblikazzjoni *The Circle*. Il-konvenut ghandu zmien gimgha mid-data ta' din is-sentenza sabiex jiddepozita l-ammont dovut f'idejn Dr Michael Grech u jirrilaxxja informazzjoni dwar kif jixtieq li ssir il-**

**pubblikazzjoni. Fin-nuqqas li jsir dan is-socjeta' attrici tkun intitolata li tippubblika r-riklam bl-istess *format* tar-riklam originali u wara t-titolu taghha jkun awtomatikament esegwibbli.**

**Spejjez nofs bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.**

**Avukat Grazio Mercieca**
**Gudikatur**

**Deputat Registratur**